



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, is-26 ta' Ottubru 2017

L-Awdituri tal-UE jeżaminaw l-effettività tal-FEIS

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri se twettaq awditu tal-FEIS, il-fond ta' investiment li huwa fil-qalba tal-"Pjan Juncker". L-awdituri se jqisu jekk il-FEIS (il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi) huwiex qed jindirizza b'mod effettiv il-ħtieġa li jingħata appoġġ lill-investimenti fi ħdan l-UE. Illum huma ppubblikaw ukoll dokument informattiv dwar il-FEIS għall-qarrejja interessati.

Il-FEIS ġie stabbilit fl-2015, b'mod konġunt mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) u mill-Fond Ewropew tal-Investment bħala l-pilastru li jinsab fil-qofol tal-Pjan ta' Investment għall-Ewropa, l-ewwel inizjattiva kbira tal-Kummissjoni mmexxija minn Juncker.

L-awdituri se jeżaminaw it-teħid ta' deċiżjonijiet mill-Kummissjoni fir-rigward tal-FEIS, kif ukoll ir-rwol tal-banek u l-istituzzjonijiet nazzjonali ta' żvilupp. Huma se jivvalutaw ukoll l-"addizzjonalità" tal-FEIS – jiġifieri jekk jintgħażlux biss il-proġetti li ma kinux isiru mingħajr l-appoġġ tal-FEIS – u l-valur miżjud tal-operazzjonijiet tiegħu.

"Strumenti finanzjarji bħall-FEIS qed jintużaw dejjem aktar biex jipprovdu appoġġ mill-baġit tal-UE permezz ta' garanziji u investimenti ta' ekwità", qal Leo Brincat, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għall-awditu. "Għalhekk huwa importanti ħafna li jiġi żgurat li dawn l-istrumenti jiffunzjonaw dejjem bil-mod effettiv mistenni minnhom".

Il-FEIS għandu l-għan li jimmobilizza sa EUR 315-il biljun ta' investiment addizzjonali bejn l-2015 u l-2018, u li jżid l-aċċess għall-finanzi għal negozji żgħar u kumpaniji ta' daqs medju. Din il-mira għandha tintlaħaq bl-għajjnuna ta' finanzjament mill-BEI, ibbażat fuq garanzija ta' EUR 16-il biljun mill-baġit tal-UE, u kkomplementat minn allokazzjoni ta' EUR 5 biljun mir-riżorsi proprji tal-BEI.

Illum l-awdituri ppubblikaw Dokument Informattiv dwar Awditu li se jsir fuq il-FEIS, b'informazzjoni ta' sfond ibbażata fuq xogħol ta' tnejn li jsir qabel ma jinbeda l-awditu. Dokumenti Informattivi dwar Awditu li se jsir huma tip ġdid ta' pubblikazzjoni u huma intenzjonati biex ikunu sors ta' informazzjoni għal dawk li jkunu interessati fil-politika u/jew fil-programmi li jkunu qed jiġu awditjati.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tad-dokument informattiv dwar awditu li se jsir mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Id-dokument informattiv sħiħ dwar l-awditu huwa disponibbli bl-Ingliż fuq www.eca.europa.eu.

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors

T: (+352) 4398 47063

T: (+352) 4398 45410

eca.europa.eu

M: (+352) 691 55 30 63

M: (+352) 621 55 22 24